# Transizzjoni tal-COVID-19- Standards għal Laqgħat u Avvenimenti

## Daħla u definizzjonijiet

L-istandards li ġejjin inħarġu taħt l-Att dwar is-Saħħa Pubblika Kapitolu 465 tal-Liġijiet ta' Malta.

Skont ir-Regolamenti dwar l-Avvenimenti Pubbliċi tal-Massa Organizzati u l-emendi sussegwenti tagħhom, maħruġa skont l-ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465):

- in-numru ta' persuni li jattendu għal avveniment pubbliku tal-massa organizzat m'għandux jaqbeż il-mitt (100) persuna ġewwa l-post u t-tliet mitt (300) persuna barra l-post;
- l-użu ta' postijiet taż-żfin għandu jkun projbit;
- l-avvenimenti kollha tal-massa organizzati bil-wieqfa u l-avvenimenti kollha organizzati bil-wieqfa għandhom ikunu projbiti;
- l-isnack bars u l-gabbani kollha għandhom iservu biss ikel, u xorb mhux alkoħoliku mal-ikel, u biss lil klijenti bilqiegħda mal-imwejjed u m'għandhomx jipprovdu, joffru jew ibigħu kwalunkwe tip ta' xorb alkoħoliku lill-klijenti u għandhom jagħlqu bejn il-11p.m. u l-5a.m. tal-għada filgħodu b'effett mid-29 t'Ottubru 2020;
- il-ħwienet tax-xorb u l-każini kollha m'għandhomx jiftħu għan-negozju b'effett mid-29 t'Ottubru 2020 u għandhom jibqgħu magħluqa sas-6 ta' filgħodu tal-1 ta' Diċembru 2020.

Skont l-AL 402 tal-2020, *'Kull persuna għandha, meta tkun barra r-residenza tagħha, kemm meta tmur f'post fil-magħluq u kif ukoll fil-miftuħ, tilbes maskra medika jew tad-drapp jew viżiera b'mod xieraq li tgħatti l-imnieħer, il-ħalq u l-geddum tal-persuna'.*

B'effett mis-6a.m. nhar id-29 ta' Ottubru 2020, skont l-AL 408 tal-2020, *'Fi spazji pubbliċi gruppi ta' aktar minn sitt (6) persuni għandhom ikunu projbiti….Din il-projbizzjoni ma tapplikax għall-gruppi ta' persuni fi spazji pubbliċi jekk il-persuni jkunu jgħixu fl-istess residenza.'*

Laqgħa hija avveniment ippjanat jew spontanju li tista' ssir ġewwa jew barra. In-numru ta' parteċipanti jista' jvarja minn numru żgħir ta' persuni għal bosta mijiet jew eluf fl-attendenza. Il-laqgħat jiġu f'ħafna forom bħal avvenimenti komunitarji, kunċerti, festivals, konferenzi, esibizzjonijiet, parati, purċissjonijiet, tiġijiet, festi jew avvenimenti sportivi.

Avvenimenti tal-massa huma laqgħat fuq skala kbira li jinvolvu numru sinifikanti ta’ persuni li jinġabru f’post speċifiku. Għall-finijiet ta’ dawn l-istandards, ġew adottati d-definizzjonijiet tal-WHO dwar avvenimenti tal-massa:

*Avveniment jitqies bħala ‘laqgħa tal-massa’ jekk in-numru ta’ persuni li jiġbor flimkien huwa tant kbir li għandu l-potenzjal li joħloq pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ippjanar u tar-rispons tas-sistema tas-saħħa fil-komunità fejn isir.*

*Jekk l-avveniment iseħħ fuq diversi ġranet fi stat żgħir ta’ gżira fejn il-kapaċità tas-sistema tas-saħħa hija pjuttost limitata, allura anke avveniment bi ftit mijiet ta’ parteċipanti jista’ joħloq pressjoni kbira fuq is-sistema tas-saħħa u għalhekk jitqies bħala ‘laqgħa tal-massa'.*

## Dikjarazzjoni

Fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, laqgħat u avvenimenti tal-massa jippreżentaw riskju li r-rata ta’ trażmissjoni tal-virus tiżdied fid-dawl tal-potenzjal għal kuntatt mill-qrib bejn bosta persuni għal perjodu twil ta’ żmien. Aktar ma individwu jinteraġixxi ma’ persuni f’laqgħa jew avveniment tal-massa u iktar ma ddum dik l-interazzjoni, iktar ikun għoli l-potenzjal li jiġi infettat bil-COVID-19 u bl-imxija tal-COVID-19. Livelli ogħla ta’ trażmissjoni tal-komunità fil-ħin tal-avveniment u fiż-żona li qed issir il-laqgħa jistgħu jirriżultaw f’potenzjal ogħla għall-imxija tal-COVID-19 matul il-laqgħa. F'dan il-kuntest, avvenimenti kbar għandhom impatt partikolarment sostanzjali fuq il-kapaċità u r-riżorsi tas-sistema tas-saħħa jekk jirriżultaw f’numru sinifikanti ta’ każijiet ġodda tal-COVID-19.

**Għal din ir-raġuni, is-Suprintendenza tas-Saħħa Pubblika ttenni l-pożizzjoni tagħha li mhix favur l-organizzazzjoni ta’ laqgħat jew avvenimenti tal-massa. Minkejja dan, dawn l-istandards qed jinħarġu biex titnaqqas it-trażmissjoni tal-COVID-19 f’avvenimenti u laqgħat kif definiti f'dan id-dokument u organizzati f’konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli relevanti kollha.**

## Klassifikazzjoni tar-riskju ta' avvenimenti tal-massa

Fuq il-bażi tal-klassifikazzjoni taċ-Ċentru għall-Kontroll tal-Mard (2020)[1], il-probabbiltà li l-COVID-19 jinfirex f'avvenimenti u laqgħat tiżdied kif ġej:

- Baxx: Avvenimenti li jsiru onlajn/virtwalment mingħajr ebda kuntatt fiżiku
- Medju: Laqgħat iżgħar fil-beraħ u wiċċ imb wiċċ li fihom individwi minn djar differenti iżda li ma sifrux barra fl-14-il jum qabel l-avveniment jistgħu josservaw distanzi fiżiċi u jibqgħu mbegħdin mill-inqas 2 metri 'l bogħod minn xulxin, jilbsu maskri/viżiera u ma jużawx oġġetti ta' xulxin.
- Għoli: Laqgħat wiċċ imb wiċċ ta' daqs medju li jistgħu jiġu adattati biex jippermettu lill-individwi jibqgħu mbegħdin mill-inqas 2 metri 'l bogħod minn xulxin u ma' parteċipanti li siefru barra fl-14-il jum ta' qabel.
- Għoli Ħafna: Laqgħat kbar wiċċ imb wiċċ fejn ikun diffiċli għall-individwi jibqgħu mbegħdin mill-inqas 2 metri 'l bogħod minn xulxin u l-parteċipanti jistgħu jinkludu wkoll persuni li siefru barra fl-14-il jum ta' qabel.

Aspett ieħor li jiddetermina l-livell ta' riskju għal avvenimenti tal-massa huwa l-proporzjon ta' dawk li jattendu li huma aktar probabbli li jiżviluppaw kumplikazzjonijiet serji kieku kellhom jiġu infettati bil-COVID-19. It-trażmissjoni ta' COVID-19 f'avveniment fejn proporzjon akbar ta' dawk li jattendu huma anzjani jew persuni vulnerabbli minħabba kundizzjonijiet ta' saħħa ulterjuri jew immunità baxxa, x'aktarx ikollha impatt akbar fuq is-sistema tal-kura tas-saħħa minħabba żieda fil-kura fl-isptar ta' dawn l-individwi.

Avvenimenti tal-massa spontanji għandhom jiġu evitati fix-xenarju attwali, peress li ma jippermettux ippjanar u tħejjija adegwata biex jiġu stabbiliti l-istandards ta' mitigazzjoni meħtieġa għall-COVID-19.

Hekk kif ir-restrizzjonijiet tal-COVID-19 jiġu rilassati/issikkati gradwalment, l-organizzaturi tal-laqgħat u l-avvenimenti tal-massa, il-persunal/volontiera tagħhom u l-kuntratturi jridu jaħdmu flimkien biex jadattaw u jippromwovu avvenimenti sikuri konsistenti mal-pariri tal-awtoritajiet tas-saħħa pubblika. Min iħaddem/organizzaturi, persunal/volontiera u dawk li jattendu għandhom jaġixxu b'mod responsabbli biex jipprevjenu t-trażmissjoni tal-COVID-19 matul l-avveniment. Fl-eventwalità li każ pożittiv tal-COVID-19 ikun ikkollegat mal-attendenza ta' avveniment tal-massa, l-organizzaturi għandhom ikunu lesti li jaġixxu u jikkollaboraw minnufih u b'mod xieraq għal talbiet u rakkomandazzjonijiet speċifiċi mill-awtoritajiet tas-saħħa pubblika.

[1] https://www.cdc.gov/coronavirus/2019-ncov/community/large-events/considerations-for-events-gatherings.html

**Office of the Superintendent of Public Health**
Out-Patients Dept. Level 1, St Luke's Hospital Gwardamangia
**t** +356 25953302/3 **e** sph.mhec@gov.mt

Dawn il-linjigwida jipprovdu kunsiderazzjonijiet li l-organizzaturi tal-avveniment jridu jikkunsidraw meta jiddeċiedu dwar l-istandards ta' kontroll bħal restrizzjonijiet ġewwa l-post biex jippermettu d-distanzi fiżiċi, l-adegwatezza ta' faċilitajiet għal iġjene xierqa personali u pubblika, arranġamenti tat-tindif, u bidliet oħra li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, il-volontiera u dawk li jattendu. Il-linjigwida hawn taħt jiddeskrivu prinċipji ġenerali applikabbli għall-avvenimenti kollha kif ukoll jiddeskrivu standards addizzjonali meħtieġa għal avvenimenti fuq skala akbar.

Għall-bqija ta' dan id-dokument, it-termini "organizzaturi" u "persunal" se jintużaw biex jirreferu għal kombinazzjonijiet ta' min iħaddem/organizzaturi, persunal/ħaddiema jew volontiera involuti fl-ippjanar u t-tmexxija ta' avveniment tal-massa, li għandu jkun avveniment bin-nies bilqiegħda konformi mal-AL 338 tal-2020 u kull leġislazzjoni oħra relevanti.

**Dan id-dokument ta' gwida jikklassifika avvenimenti f'żewġ gruppi ewlenin ta' avvenimenti ta':**

A. **inqas minn 100 parteċipant potenzjali - l-organizzaturi għandhom isegwu t-taqsimiet speċifiċi tad-dokument għal 'Organizzaturi tal-laqgħat u l-avvenimenti KOLLHA' li jinsabu taħt kull sottotitolu tal-gwida.**
B. **aktar minn 100 parteċipant potenzjali - l-organizzaturi għandhom <u>iwettqu valutazzjoni tar-riskju u jkollhom din il-valutazzjoni disponibbli għall-eżami mill-awtoritajiet kompetenti. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tar-riskju hija prerekwiżit meta tintbagħat l-applikazzjoni meħtieġa biex jinħareġ permess għall-avveniment tal-massa mill-korp tal-pulizija u l-MTA.</u>**

## Standards li għandhom ikunu osservati matul laqgħat u avvenimenti tal-massa

L-istandards li ġejjin inħarġu taħt l-Att dwar is-Saħħa Pubblika Kapitolu 465 tal-Liġijiet ta' Malta u jeħtieġu osservanza stretta.

### A. L-organizzaturi tal-laqgħat u l-avvenimenti <u>KOLLHA</u> tal-massa għandhom:

1. jikkunsidraw jekk l-avveniment jistax jinżamm parzjalment jew kompletament onlajn/b'mod remot
2. jikkunsidraw jekk l-avveniment jistax jinżamm barra minflok ġewwa
3. jiżguraw li l-post magħżul għall-avveniment ikollu l-kapaċità li jakkomoda n-numru ppjanat bħala attendenza, biex jinkludi kunsiderazzjonijiet tad-distanza fiżika (ara t-taqsima hawn taħt rigward id-determinazzjoni tal-kapaċità tal-post)
4. jikkomunikaw messaġġi lil parteċipanti prospettivi rigward l-istandards meħtieġa tas-saħħa pubblika qabel l-avveniment
5. jeżerċitaw id-dritt li jirrifjutaw id-dħul ta' persuni għall-avveniment jekk jidhru ma jifilħux jew għandhom sintomi respiratorji
6. jiżguraw li dawk kollha li jattendu jilbsu maskri jew viżiera matul l-avveniment. Madankollu, dawk li jattendu għandhom ikunu eżentati milli jilbsu maskra jew viżiera **biss** meta jkunu bilqiegħda mal-mejda f'avveniment fejn jiġu servuti ikel u xorb.

7. jipprovdu tagħmir tad-diżinfettar tal-idejn adegwat u aċċessibbli faċilment b'70% kontenut ta' alkoħol mad-dħul fl-avveniment u postijiet xierqa oħra, u jiżguraw li l-persuni kollha jiddiżinfettaw idejhom qabel jidħlu
8. jirregolaw id-dħul u l-ħruġ mill-post fejn qed isir l-avveniment, bl-adozzjoni ta' tekniki xierqa tal-ġestjoni tal-folla kif ikun meħtieġ
9. jiżguraw li n-numru massimu ta' dawk li jattendu f'kull ħin ikun **persuna waħda (klijenti u persunal) għal kull 4 metri kwadri** taż-żona kollha li tkun qed tintuża, minbarra kwalunkwe żona mhux aċċessibbli għall-klijenti, u esklużi l-parkeġġi
10. iżommu rekords tal-informazzjoni tal-kuntatt (isem u numru tat-telefown) ta' mill-inqas persuna waħda minn kull grupp/dar li jattendi għal 28 ġurnata wara l-avveniment biex jippermettu l-ittraċċar tal-kuntatti
11. jimminimizzaw it-tul tal-avveniment kemm jista' jkun possibbli, b'mod partikolari fil-każ ta' avvenimenti li jsiru fi spazji magħluqa/fuq ġewwa
12. minbarra fil-każ ta' familji bit-tfal u nies mill-istess dar, mhux aktar minn 6 persuni għandhom jitħallew joqogħdu bilqiegħda flimkien fi grupp
13. jiżguraw li kull grupp ta' parteċipanti jżomm distanza fiżika ta' mill-inqas 2m minn gruppi oħra
14. jiżguraw li jkun hemm faċilitajiet adegwati u aċċessibbli biex tinkiseb iġjene tajba u ħasil tal-idejn frekwenti, u li l-faċilitajiet huma mgħammra b'ammonti adegwati ta' wajps għall-idejn li jintremew wara l-użu, sapun u diżinfettanti, u b'funzjoni tajba, aċċessibbli, nodfa u sikuri.
15. jirrevedu x-xogħlijiet u l-proċessi li ġeneralment jeħtieġu interazzjoni mill-qrib u jidentifikaw modi biex jimmodifikawhom biex iżidu d-distanza fiżika bejn il-persunal stess u bejn il-persunal u dawk li jattendu
16. jiżguraw li l-organizzaturi u l-persunal jilbsu maskri jew viżiera matul l-avveniment. Fejn tollerati, il-maskri (jew maskri flimkien ma' viżieri) huma ppreferuti minn viżieri weħidhom.
17. jipprovdu operazzjonijiet ta' tindif u diżinfettar sew taż-żoni komuni kollha ġewwa l-post, u jiffokaw fuq uċuħ li jintmissu ħafna għal diżinfettar frekwenti, anke jekk l-avveniment isir fuq barra
18. jiżguraw li l-faċilitajiet tar-restorant jew tal-kafetterija joperaw fuq il-post tal-avveniment skont il-leġislazzjoni rispettiva u l-istandards u l-linjigwida applikabbli.
19. Mhux permessi bars (inkluż armar temporanju ta' bar għall-iskop tal-avveniment). Ix-xorb għandu jiġi ordnat u servut mal-imwejjed lil klijenti bilqiegħda
20. L-atturi u l-kru huma suġġetti għall-istess obbligi rigward l-iġjene u prekawzjonijiet oħra relatati mal-COVID-19 bħal persunal ieħor tal-avveniment, minbarra l-atturi li mhumiex meħtieġa jilbsu maskri/viżieri waqt il-wirja tagħhom.
21. L-organizzaturi għandhom jixtru assigurazzjoni adegwata biex ikopru l-avveniment, fi proporzjon skont it-tip u d-daqs tal-avveniment u l-livell ta' riskju

### B. Barra minn hekk, l-organizzaturi ta' avvenimenti b'aktar minn 100 persuna potenzjali f'attendenza għandhom

Iwettqu valutazzjoni tar-riskju komprensiv. Is-Sottomissjonijiet tal-Valutazzjoni tar-Riskju se jkollhom jinkludu informazzjoni applikabbli dwar l-istandards (1) sa (20) u l-istandards addizzjonali kollha ta' mitigazzjoni li l-organizzaturi qed jippjanaw li jieħdu.

Il-Valutazzjoni tar-Riskju trid tiġi ppreżentata mal-applikazzjoni lill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu. Barra minn hekk, din il-valutazzjoni tar-riskju teħtieġ li tiġi ppreżentata flimkien mal-applikazzjoni għal permess tal-pulizija.

Innota li skont id-dispożizzjonijiet tal-AL 325 tal-2020, avvenimenti li jsiru f'postijiet fuq ġewwa huma limitati għal massimu ta' 100 parteċipant.

**Jekk standards xierqa ta' mitigazzjoni ma jistgħux jiġu implimentati biex jitnaqqas ir-riskju ta' tixrid għal livelli aċċettabbli, l-applikazzjoni għall-avveniment tal-massa propost tista' tiġi rrifjutata.**

Minbarra l-istandards (1) sa (21), japplikaw dawn li ġejjin:

22. dawk li jattendu għandhom joqogħdu għal kontrolli tat-temperatura fl-entratura għall-preżenza tad-deni (persuni b'temperatura ta' 37.2° Celsius jew ogħla m'għandhomx jitħallew jidħlu)
23. marki viżibbli barra u ġewwa l-entratura għandhom jindikaw d-distanzi taż-2 metri li dawk li jattendu għandhom jirrispettaw waqt li jkunu fil-kju, inkluż fil-kjuwijiet għall-kmamar tal-banju
24. tabelli viżibbli għandhom jitwaħħlu fid-daħla tal-avveniment biex jindikaw il-kapaċità massima ta' persuni fl-attendenza li jistgħu jkunu preżenti fl-avveniment fi kwalunkwe ħin, u l-organizzaturi għandhom iżommu kont tan-numru ta' persuni preżenti fl-avveniment biex jiżguraw li ma tinqabiżx il-kapaċità tal-post
25. tfakkiriet viżivi għandhom jintwerew lil dawk li jattendu madwar il-post kollu u avviżi mxandra fuq sistemi disponibbli tal-indirizzar pubbliku rigward standards preventivi li huma mistennija li jsegwu biex inaqqsu l-imxija tal-COVID-19, u l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu jekk parteċipant jiżviluppa sintomi
26. messaġġi biex ikunu inklużi mal-informazzjoni maqsuma ma' parteċipanti potenzjali qabel l-avveniment għandhom ikunu ppreparati biex javżaw lil individwi b'riskju ogħla li jittrażmettu l-COVID-19 biex ma jattendux l-avveniment (eż. individwi sintomatiċi, dawk b'kuntatt mill-qrib ma' każijiet magħrufa tal-COVID-19, individwi taħt kwarantina, dawk li reċentement ivvjaġġaw minn pajjiżi b'rati għoljin ta' trażmissjoni komunitarja tal-COVID-19)
27. messaġġi biex ikunu inklużi mal-informazzjoni maqsuma ma' parteċipanti potenzjali qabel l-avveniment għandhom ikunu ppreparati biex javżaw lil individwi fil-gruppi ta' riskju għoli li jistgħu jiżviluppaw kumplikazzjonijiet serji mill-infezzjoni tal-COVID-19 jew li jkunu f'kuntatt ma' dawn il-persuni biex ma jattendux l-avveniment (sakemm ma jkunux saru arranġamenti speċjali għalihom)
28. għandhom ikunu fis-seħħ protokolli għall-iżolazzjoni ta' każijiet suspettati, inkluża żona speċifika ta' iżolazzjoni. L-organizzaturi għandhom iżommu kuntatt mal-awtoritajiet tas-saħħa rigward l-azzjoni li għandha tittieħed jekk jiġu identifikati każijiet suspettati matul l-avveniment

## Qabel l-avveniment

### Standards applikabbli għall-avvenimenti kollha:

Avvenimenti bin-nies bil-wieqfa mhux permessi. Standards li jnaqqsu l-punti ta' kuntatt bejn il-persunal u l-klijenti inklużi biljetti diġitali u prenotazzjoni u xiri onlajn ta' biljetti, għandhom

jiġu inkoraġġuti kemm jista' jkun. Pagamenti onlajn u/jew mingħajr kuntatt għandhom ukoll jiġu mħeġġa. L-iskannjar tal-biljetti mill-klijenti stess jista' jelimina punt ta' kuntatt ieħor bejn il-klijenti u l-persunal.

## L-istabbiliment tal-kapaċità tal-post għall-avvenimenti

### Standards applikabbli għall-avvenimenti kollha:

Avvenimenti bin-nies bil-wieqfa mhux permessi. L-organizzaturi tal-avveniment għandhom jiżguraw li fiż-żona/post fejn qed isir l-avveniment in-numru ta' persuni, inkluż persunal jew volontiera ma jkunx aktar minn persuna waħda għal kull **4 metri kwadri ta' spazju disponibbli għall-klijenti**, eskluża kwalunkwe żona mhux aċċessibbli għall-klijenti, u esklużi l-parkeġġi.

Biex tinkiseb din ir-'regola' ta' 4 metri kwadri:

i. ikkalkula l-erja tal-post/medda li qed tintuża (eż. it-tul tal-post f'metri bil-wisa' tal-post f'metri = erja tal-post f'metri kwadri),
ii. iddividi l-erja tal-post b'4
iii. ir-riżultat ta' dik id-diviżjoni (injora kwalunkwe fdal) hija l-kapaċità massima li l-post jista' jżomm fi kwalunkwe ħin.

Bħala eżempju ta' kalkolu tal-ispazju ta' barra (**limitat għal massimu ta' 300 persuna**), jekk il-post/medda ta' fuq barra huwa 1162 metru kwadru fid-daqs, 1162 ÷ 4 = 290.5, u tinjora l-fdal ta' 0.5, l-organizzatur għandu jippermetti biss 290 parteċipant fi kwalunkwe ħin fiż-żona/post, inkluż il-persunal. Għal postijiet akbar il-valur taż-żoni tat-taqsimiet separati tal-post għandu jingħadd flimkien biex tiġi ikkalkulata l-erja totali.

Kalkolu simili għandu jsir għal avvenimenti fuq ġewwa (**limitat għal massimu ta' 100 persuna**). Żoni tal-post li jistgħu jintużaw biss u li jistgħu jiġu aċċessati minn dawk li jattendu għandhom jiġu inklużi meta tiġi kkalkulata l-kapaċità tal-post/medda. Żona li taqa' taħt taqsimiet tal-post bħal żoni tal-ħażna, żoni għall-persunal biss u żoni ta' wara l-palk (fejn applikabbli) m'għandhiex tkun inkluża.

Ladarba tintlaħaq il-kapaċità tal-post l-organizzaturi tal-avveniment m'għandhomx jippermettu aktar parteċipanti prospettivi jidħlu għall-avveniment.

## Distanza fiżika (soċjali)

### COVID Alert Malta

Il-persunal u l-klijenti kollha huma mħeġġa jniżżlu l-applikazzjoni COVID Alert Malta biex tgħin tiffaċilita l-proċess tal-ittraċċar tal-kuntatti f'każ li jiżviluppaw il-COVID-19 jew kienu f'kuntatt mill-qrib ma' xi ħadd magħruf li għandu l-COVID-19. L-istruzzjonijiet għat-tniżżil tal-applikazzjoni jinsabu fuq https://covidalert.gov.mt

### Għal dawk li jattendu: Standards applikabbli għall-avvenimenti kollha:

Id-distanza soċjali tirreferi għar-rekwiżit li n-nies fiżikament jbiegħdu lilhom infushom minn oħrajn. Avvenimenti bin-nies bil-wieqfa mhux permessi. Dawk li jattendu l-avveniment iridu jżommu mill-inqas **2 metri 'l bogħod minn xulxin** u minbarra fil-każ ta' familji bit-tfal jew nies mill-istess dar, mhux aktar minn 6 persuni għandhom jitħallew joqogħdu bilqiegħda flimkien

fi grupp. L-organizzaturi tal-avvenimenti għandhom bżonn jadattaw l-avveniment tagħhom u l-post li qed jintuża biex jippermettu distanzi fiżiċi xierqa, jevitaw l-iffullar u jiżguraw li kull grupp ta' parteċipanti jżomm distanzi fiżiċi ta' mill-inqas 2m minn gruppi oħra

L-organizzaturi għandhom ukoll jirrevedu x-xogħlijiet u l-proċessi li normalment jeħtieġu interazzjoni mill-qrib u jidentifikaw modi biex jimmodifikawhom biex iżidu d-distanza fiżika bejn il-persunal stess u bejn il-persunal u dawk li jattendu.

Fir-rigward ta' kwalunkwe żona fejn ikun hemm nies bilqiegħda li tista' tintuża matul avvenimenti organizzati, għal postijiet bilqiegħda li mhumiex imbegħdin skont id-distanza fiżika (eż. sedili mwaħħlin mal-art jew siġġijiet imwaħħlin ma' xulxin) l-organizzaturi għandhom jiżguraw li l-arranġament ta' postijiet ta' bilqiegħda jippermettu distanza ta' 2m bejn gruppi ta' persuni li attendew l-avveniment flimkien. Fil-każ ta' postijiet mobbli li jistgħu jiġu spazjati kif meħtieġ, dawn għandhom jitqassmu b'tali mod li jirrispettaw l-obbligu tad-distanza ta' 2m. Jekk il-post tal-avveniment għandu sedili allokati, dawn ir-restrizzjonijiet għandhom ikunu kkunsidrati meta qed jiġu prenotati l-postijiet. Għal avvenimenti b'sedili bħal tat-teatru, l-organizzaturi jistgħu jagħżlu li jimplimentaw tekniki bħall-użu ta' disinn ta' checkerboard jew jimblukkaw ċerti ringieli biex jgħinu biex tinkiseb id-distanza meħtieġa jew jużaw soluzzjonijiet ta' softwer li jippermettu għażla dinamika tal-postijiet li tirrispetta d-distanza meta jsiru l-prenotazzjonijiet.

Kull żona tal-logħob fil-post għandha ssegwi l-istandards għall-postijiet tal-logħob tat-tfal ippubblikati fuq https://deputyprimeminister.gov.mt/en/health-promotion/covid-19/Documents/mitigation-conditions-and-guidances/Guidance_For_Entities_Responsible_For_Outdoor_Children_Playing_Fields.pdf

## Għall-persunal: Standards applikabbli għall-avvenimenti kollha:

Meta l-persunal jaħdem viċin xulxin jiżdied ir-riskju li jkun espost għall-COVID-19. L-organizzaturi tal-avveniment għandhom jagħmlu valutazzjoni tar-riskju biex jiddeterminaw xi standards ta' kontroll jistgħu jittieħdu b'mod raġonevoli fil-prattika biex jeliminaw jew inaqqsu r-riskji għas-saħħa u s-sigurtà mill-COVID-19 għall-persunal tagħhom. Pereżempju, jekk kuntatt mill-qrib mal-oħrajn huwa inevitabbli, l-istandards li ġejjin jistgħu japplikaw:

- timminimizza n-numru ta' persuni f'żona fi kwalunkwe ħin
- tqassam il-ħinijiet meta jibdew, fi x'ħin jispiċċaw u l-ħin tal-pawżi fejn ikun hemm bżonn
- tittrasferi xi xogħlijiet għal żoni differenti tal-post/żona tal-avveniment jew barra mis-sit jekk possibbli
- jekk possibbli, huwa rrakkomandat li l-persunal jinqasam f'timijiet stabbiliti tax-xogħol. Dawn it-timijiet għandhom jaħdmu xiftijiet differenti u l-kuntatt fiżiku bejn membri ta' timijiet differenti għandu jkun ristrett anke waqt il-ħinijiet tal-mistrieħ, ġranet meta ma jkunux xogħol u bidliet tax-xiftijiet. Dan jiżgura li jekk tim wieħed ikun meħtieġ li jidħol taħt kwarantina (eż. jekk membru tat-tim ikun infettat bil-COVID-19)

dan ma jirriżultax f'ħafna ħaddiema oħra li jkunu jeħtieġu li jkunu taħt kwarantina wkoll.

- jekk trasferiment tal-inkarigu huwa meħtieġ, ikkunsidra l-użu ta' mezzi diġitali biex il-persunal ma jkollux għalfejn jiltaqa' fiżikament fl-istess post.
- teħtieġ li l-persunal juża metodi bħat-telefown ċellulari biex jikkomunika minflok interazzjoni wiċċ imb wiċċ
- tara li kull membru tal-persunal ikollu t-tagħmir jew l-għodda tiegħu stess fejn possibbli
- tara li l-persunal ma jattendix għall-avveniment jekk qed jesperjenza sintomi potenzjali tal-COVID-19
- membri tal-persunal li jistgħu jkunu fil-grupp ta' riskju għoli li jiżviluppaw kumplikazzjonijiet serji jekk jiġu infettati bil-COVID-19 għandhom jiġu offruti għażliet li jillimitaw l-espożizzjoni tagħhom, pereżempju li jaħdmu fuq il-preparazzjonijiet għall-avveniment minflok ma jaħdmu mal-bank tar-reġistrazzjoni.

### Għal avvenimenti b'attendenza potenzjali ta' aktar minn 100 u inqas minn 300:

- Użu ta' lqugħ fiżiku, bħal skrins trasparenti akriliċi jew tal-ħġieġ ittemprat fil-postijiet tal-interazzjoni bejn il-persunal u min qed jattendi (bħal kabini tal-biljetti u żoni tal-iskannjar tal-biljetti)

## Tagħmir protettiv personali għall-persunal

### Standards applikabbli għall-avvenimenti kollha:

Il-persunal għandu jilbes maskra jew viżiera f'kull ħin sakemm ma jkunx eżentat (irreferi għal AL 402 tal-2020 għal iktar informazzjoni dwar l-eżenzjonijiet). L-organizzaturi għandhom jipprovdu wkoll taħriġ u istruzzjoni xierqa dwar kif jintlibsu u jitranġaw, jintlibsu, jitneħħew u jintremew il-maskri u dwar kif jintlibsu, jitneħħew u jiġu ddiżinfettati l-viżieri. Għandhom jipprovdu wkoll faċilitajiet xierqa biex jarmu l-maskri kif suppost. Informazzjoni dwar l-użu ta' maskri jew viżiera hija pprovduta mill-manifattur.

L-użu ta' tagħmir protettiv personali addizzjonali huwa rrakkomandat meta l-persunal, minkejja standards oħra ta' kontroll, jeħtieġ ikun f'kuntatt mill-qrib ma' xulxin jew ma' nies oħra għal aktar mill-ħin rakkomandat (jiġifieri aktar minn 15-il minuta wiċċ imb wiċċ kumulattivi fuq ġurnata waħda jew aktar minn sagħtejn fi spazju magħluq kondiviż). Il-persunal għandu jkun imħarreġ fl-użu kif suppost tal-PPE. Kun af bir-riskji li jistgħu jinqalgħu jekk il-persunal ma jużax u ma jilbisx il-PPE kif suppost.

It-tip ta' PPE addizzjonali li għandu jiġi pprovdut jiddependi fuq it-tip ta' post tal-avveniment u skont ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju. Hija r-responsabbiltà tal-organizzaturi li jipprovdu PPE addizzjonali xieraq lill-ħaddiema/volontiera tagħhom. PPE komuni addizzjonali li jista' jintuża bħala protezzjoni kontra l-COVID-19 jinkludi ingwanti, protezzjoni għall-għajnejn, u skrins.

Il-protezzjoni tal-għajnejn, fil-forma ta' nuċċalijiet tal-protezzjoni, gogils jew face shield, jistgħu jintużaw bħala PPE għall-protezzjoni kontra r-riskji tal-COVID-19. Il-protezzjoni tal-għajnejn tista' tgħin biex tagixxi bħala barriera fiżika mit-titjir tal-qtar u tevita l-għorik tal-

għajnejn b'mod mhux intenzjonat bejn il-ħasil tal-idejn. Il-protezzjoni tal-għajnejn tista' tkun meħtieġa għal ħaddiema li jkunu viċin ħafna tat-titjir tal-qtar. Għal ħafna avvenimenti, il-protezzjoni tal-għajnejn mhix se tkun miżura ta' kontroll meħtieġa. Għandhom jiġu segwiti prattiċi ta' iġjene tajba jekk tintuża l-protezzjoni tal-għajnejn.

L-ingwanti normalment ma jkunux meħtieġa għall-biċċa l-kbira tax-xogħlijiet matul ħafna avvenimenti, apparti mill-persunal li jittratta l-ikel u x-xorb (ara hawn taħt), li jittrattaw/jarmu l-iskart u għat-tindif (ara hawn taħt). Jekk l-organizzaturi jagħżlu li jipprovdu jew jużaw l-ingwanti, għandhom jiżguraw li l-ingwanti huma adattati għax-xogħlijiet partikolari.

## Tagħmir protettiv personali għal dawk li jattendu

### Standards applikabbli għall-avvenimenti kollha:

Skont l-AL 402 tal-2020 , dawk li jattendu għandhom jilbsu maskra medika jew tad-drapp jew viżiera b'mod xieraq li tgħatti l-imnieħer, il-ħalq u l-geddum tal-persuna f'kull ħin matul l-avveniment sakemm ma japplikawx l-eżenzjonijiet imniżżla fl-imsemmi avviż legali. Fejn tollerati, il-maskri (jew maskri flimkien ma' viżieri) huma ppreferuti minn viżieri weħidhom. Barra minn hekk, dawk li jattendu għandhom ikunu jafu bir-riskji akbar meta l-parteċipanti fl-avveniment x'aktarx jgħollu leħinhom (eż. jgħajtu jew ikantaw).

## Faċilitajiet tal-iġjene u ventilazzjoni

### Standards applikabbli għall-avvenimenti kollha:

L-organizzaturi jridu jiżguraw li hemm faċilitajiet adegwati u aċċessibbli biex tinkiseb iġjene tajba u li l-faċilitajiet mgħammra b'wajps għall-idejn li jintremew wara l-użu, sapun u diżinfettanti, b'funzjoni tajba, nodfa u sikuri. Il-post għandu jitnaddaf sew bosta drabi kuljum (ara aktar dettalji fit-taqsima dwar 'Tindif u Diżinfettar' hawn taħt). Kontenituri miftuħa għandhom ikunu disponibbli għar-rimi tal-iskart.

Il-bibien u t-twieqi tal-kmamar tal-banju għandhom jinżammu miftuħa biex jippermettu ventilazzjoni aħjar. M'għandux jintuża tagħmir li jnixxef l-idejn billi dan jista' potenzjalment ixerred partiċelli virali fl-arja. Jekk qed jiġu pprovduti tojlits portabbli, għandhom jiġu pprovduti wkoll stazzjonijiet tal-ħasil tal-idejn li jistgħu jingarru u kun żgur li jibqgħu jiġu fornuti bil-provvisti matul l-avveniment. Għandhom jiġu pprovduti wkoll stazzjonijiet għad-diżinfettar tal-idejn u fejn possibbli dawn għandhom jaħdmu mingħajr ma jintmissu.

Fil-każ ta' postijiet fuq ġewwa, għandhom jiġu segwiti l-istandards għas-sistemi tal-ikkundizzjonar tal-arja u tal-ventilazzjoni https://deputyprimeminister.gov.mt/en/health-promotion/covid-19/Documents/mitigation-conditions-and-guidances/Guidance_Air-conditioning-and-ventilation-systems_23Jun20.pdf . L-azzjoni meħtieġa tiddependi fuq it-tip ta' sistemi tal-ikkundizzjonar tal-arja u tal-ventilazzjoni li jitħaddmu fuq il-post. Il-filtri tal-arja kkundizzjonata għandhom jiġu ċċekkjati qabel l-avveniment u mnaddfa regolarment u kif meħtieġ. Għandha tkun aċċertata rata adegwata ta' sostituzzjoni tal-arja ta' ġewwa.

F'postijiet fuq ġewwa, il-bibien u t-twieqi għandhom jinżammu miftuħa biex itejbu l-ventilazzjoni.

### Għal avvenimenti b'attendenza potenzjali ta' aktar minn 100 u inqas minn 300:

In-numru ta' nies li jistgħu jużaw il-kamra tal-banju fl-istess ħin għandu jkun ikkontrollat biex jiġi żgurat li d-distanza fiżika tista' tinżamm fil-kjuwijiet, pereżempju billi jiġu skedati ħinijiet itwal ta' intervalli u aktar frekwenti u billi jiġu pprovduti aktar faċilitajiet sanitarji.

## Servizz ta' ikel u xorb

### Standards applikabbli għall-avvenimenti kollha:

Kwalunkwe faċilità ta' restorant jew ta' kafetterija li topera fuq il-post tal-avveniment għandha tagħmel dan fi ħdan il-leġiżlazzjoni, l-istandards u l-linjigwida applikabbli rispettivi. Id-distanza fiżika għandha tinżamm f'kull ħin. Għandha tingħata attenzjoni speċjali għar-Regolamenti dwar l-Avvenimenti Pubbliċi tal-Massa Organizzati, Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465).

Barra minn hekk:

- L-ebda servizz komunali tal-ikel u tax-xorb jew oġġetti self-service mhuwa permess. Dawk li jattendu m'għandhomx jitħallew jisservew weħidhom jew jieħdu oġġetti bħal stros, tagħmir tat-tħawwid jew kondimenti minn kontenitur li jista' jintmiss minn dawk li jattendu. Minflok dawn l-oġġetti għandhom jingħatawlhom mill-persunal/volontiera.
- Finger food mhux permess li jkun kondiviż - kull persuna li tattendi għandha tkun ipprovduta bil-porzjon separat tagħha.
- Għal avvenimenti fejn l-ikel u xorb huwa disponibbli biex jinxtara minn klijenti bilqiegħda, il-ħlas mingħajr kuntatt jew, jekk mhux possibbli, il-ħlas eżatt huwa preferut. L-istess membru tal-persunal li jimmaniġġja l-oġġetti tal-ikel u tax-xorb idealment m'għandux ikun responsabbli biex jieħu l-flus kontanti mingħand dawk li qed jattendu, jew, jekk arranġament bħal dan ma jkunx possibbli, għandu jkun żgurat li kull darba li jmiss il-flus wara jiddiżinfetta idejh bis-sapun u bl-ilma jew b'likwidi għall-għorik tal-idejn bl-alkoħol.
- Kull membru tal-persunal li jimmaniġġa l-oġġetti tal-ikel/xorb għandu jimxi mal-prinċipji stretti tal-iġjene. Dawn jinkludu l-ilbies tal-maskri jew viżiera f'kull ħin, il-ħasil frekwenti tal-idejn u l-użu tal-ingwanti meta jimmaniġġa oġġetti bħal dawn, jew, fejn possibbli, l-użu ta' strumenti (bħal tnaljetti) biex jelimina l-kuntatt dirett mal-oġġetti li qed jinbigħu lil dawk li qed attendu. Huwa rakkomandat li kull membru tal-persunal meħtieġ li juża l-ingwanti jikkonsulta l-parir dwar il-ħasil tal-idejn u l-użu tal-ingwanti ppubblikat mid-Direttorat tal-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard biex jiġi żgurat li l-ingwanti jintużaw b'mod kif suppost u iġjeniku (żur www.covid19health.gov.mt għal aktar gwida)

- Kontenituri għandhom ikunu disponibbli għal dawk li jattendu biex ikunu jistgħu jarmu kwalunkwe skart b'mod sikur.
- Jekk hemm magni tal-bejgħ disponibbli fuq il-post tal-avvenimenti, diżinfettant tal-idejn għandu jkun faċilment disponibbli ħdejn il-magna tal-bejgħ, b'tabella mwaħħla mal-magna tal-bejgħ li turi li l-utenti għandhom jiddiżinfettaw idejhom qabel u wara li jużaw il-magna tal-bejgħ. Il-magni tal-bejgħ għandhom ikunu inklużi fil-lista ta' wċuħ li jintmissu ħafna u prijoritizzati għat-tindif frekwenti (ara t-taqsima dwar 'It-Tindif u d-Diżinfettar' hawn taħt).

## Kunsinni, kuntratturi u trasport

### Standards applikabbli għall-avvenimenti kollha:

Imminimizza n-numru ta' persunal li jieħu ħsieb il-kunsinni u l-kuntratturi kemm jista' jkun. Is-sewwieqa tal-kunsinna u kuntratturi oħra li għandhom bżonn jipprovdu servizzi ta' manutenzjoni jew tiswija jew iwettqu attivitajiet essenzjali oħra, għandhom jingħataw istruzzjonijiet ċari dwar l-obbligi waqt li jkunu fuq il-post. Ara li jkun hemm faċilitajiet tal-ħasil tal-idejn, jew jekk dan mhux possibbli, diżinfettant tal-idejn ibbażat fuq l-alkoħol ikun faċilment disponibbli għall-ħaddiema/volontiera li jittrattaw il-kunsinni.

Meta vetturi tat-trasport bħal kowċis jew minivans jintużaw għall-avveniment, għandhom jiġu segwiti l-linjigwida tas-saħħa pubblika fuq https://deputyprimeminister.gov.mt/en/health-promotion/covid-19/Documents/mitigation-conditions-and-guidances/Guidance_Document_For_Passengers_And_Transport_Service_Providers.pdf .

## Kunsiderazzjonijiet għall-artisti u l-kru

### Standards applikabbli għall-avvenimenti kollha:

Fil-każ ta' avvenimenti li jinvolvu artisti u/jew kru, għandha tkun ipprattikata d-distanza fiżika, u kemm jista' jkun jiġi evitat il-kuntatt fiżiku. Għandu jkun permess l-inqas numru possibbli ta' kast u kru. L-atturi u l-kru huma suġġetti għall-istess obbligi rigward l-iġjene u prekawzjonijiet oħra relatati mal-COVID-19 bħal persunal ieħor, minbarra l-atturi li mhumiex meħtieġa jilbsu maskri/viżieri waqt wirja.

Jekk jogħġbok irreferi għal-linjigwida ppubblikati għas-Swali taċ-Ċinema u t-Teatri fuq Ġewwa għal aktar standards rigward standards relevanti għal avvenimenti li jinvolvu wirjiet fuq https://deputyprimeminister.gov.mt/en/health-promotion/covid-19/Documents/mitigation-conditions-and-guidances/Standards_For_Indoor_Cinemas_And_Theatres.pdf

## Standards ta' tindif u ta' diżinfettar

### Standards applikabbli għall-avvenimenti kollha:

Il-kombinazzjoni ta' tindif u diżinfettar tkun l-aktar mod effettiv fit-tneħħija tal-virus tal-COVID-19. Għandu jkun hemm operazzjonijiet kontinwi ta' tindif u diżinfettar taż-żoni komuni kollha tal-post aċċessibbli għall-pubbliku. Il-post/żona għandu jitnaddaf mill-inqas kuljum fil-każ ta' avvenimenti mifruxa fuq diversi jiem. Fil-każ ta' avvenimenti li jdumu inqas minn

ġurnata waħda, tindif u diżinfettar sew għandhom isiru mill-inqas qabel u wara l-avveniment. Uċuħ li jintmissu ħafna għandhom ikunu mmirati għal diżinfettar aktar frekwenti kif deskritt hawn taħt.

It-tindif bid-deterġent u l-ilma huwa biżżejjed. Ladarba nodfa, l-uċuħ jistgħu jiġu ddiżinfettati. Meta u kemm-il darba l-post għandu jiġi ddiżinfettat jiddependi fuq il-probabbiltà ta' kontaminazzjoni. B'mod alternattiv, il-persunal tat-tindif jista' jagħmel iż-żewġ azzjonijiet ta' tindif u diżinfettar fl-istess ħin billi juża deterġent u diżinfettant ikkombinati.

## Kif għandu jsir it-tindif u d-diżinfettar

Tindif ifisser li fiżikament tneħħi l-mikrobi (batterji u virusis), ħmieġ u grassi mill-uċuħ billi tuża soluzzjoni ta' deterġent u ilma. Deterġent huwa ddisinjat biex iħoll iż-żejt u l-grass bl-użu tal-ilma. Tajjeb kwalunkwe wieħed immarkat bħala deterġent. It-tindif għandu l-ewwel jibda mill-aktar wiċċ nadif, u jkompli mixi lejn l-iktar wiċċ maħmuġ biex tiġi evitata l-firxa ta' ħmieġ għal fuq uċuħ aktar nodfa. Meta l-uċuħ jitnaddfu, għandhom jitħallew xotti kemm jista' jkun biex jitnaqqas ir-riskju ta' żlieq u waqgħat, kif ukoll it-tixrid ta' virusis u batterji permezz tal-qtar. Prodotti tat-tindif m'għandhomx jintużaw viċin it-tfal. Il-persunal għandu jiżgura li jkun hemm ventilazzjoni adegwata meta juża dawn il-prodotti biex jipprevjeni lil dawk li jattendu jew lilhom infushom milli jibilgħu l-fwar tossiċi.

Id-diżinfettar ifisser tuża kimiċi biex toqtol il-mikrobi ta' fuq l-uċuħ. Importanti li tnaddaf qabel tiddiżinfetta għax il-ħmieġ u l-grassi jistgħu jnaqqsu l-abbiltà tad-diżinfettanti li joqtlu l-mikrobi. Diżinfettanti li fihom ≥ 70% alkoħol, komposti tal-ammonju, bliċ tal-kloru jew bliċ tal-ossiġnu huma adattati għall-użu fuq uċuħ iebsin (uċuħ fejn jinġabru l-likwidi, u ma jinxtorbux). L-istruzzjonijiet tal-ippakkjar jew tal-manifattur se jiddeskrivu l-mod kif suppost tuża d-diżinfettant. Id-diżinfettanti għandhom bżonn il-ħin biex ikunu effettivi fil-qtil tal-virusis. Jekk ma jkunx speċifikat ħin, id-diżinfettant għandu jitħalla għal għaxar minuti qabel jitneħħa.

## Żoni li għandhom jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati

Kwalunkwe wiċċ li jintmiss ta' spiss għandu jingħata prijorità għat-tindif, eż. pumi tal-bibien, sedili, bankijiet, telefowns, magni tal-POS, magni tal-bejgħ, skrins akriliċi (jekk installati) u faċilitajiet tal-banju u faċilitajiet sanitarji oħra, inklużi tagħmir tal-banju bħal viti u lievi tal-flaxing. Kull wiċċ li jidher maħmuġ, jew li twaqqa' likwidu fuqu, għandu jitnaddaf hekk kif jiġi identifikat, irrispettivament minn meta tnaddaf l-aħħar. Oġġetti li jintużaw minn ħafna nies differenti għandhom jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati bejn l-użu—pereżempju, terminals tal-ħlas, imwejjed u wċuħ tal-bank.

Is-sedili (fejn applikabbli) u wċuħ oħra li jintmissu ta' spiss mill-parteċipanti matul l-avveniment għandhom jiġu ddiżinfettati f'intervalli regolari. L-uċuħ tas-sedili għandhom ikunu jistgħu jintmesħu u faċli biex jitnaddfu, jekk is-sedili għandhom kisi tad-drapp hija meħtieġa applikazzjoni ta' għata li tista' tintmesaħ jew inkella għandha tiġi applikata għata li tintrema wara l-użu u tinbidel wara kull użu.

Office of the Superintendent of Public Health
Out-Patients Dept. Level 1, St Luke's Hospital Gwardamangia
t +356 25953302/3 e sph.mhec@gov.mt

### X'għandu jilbes il-persunal tat-tindif?

Fil-biċċa l-kbira taċ-ċirkostanzi, il-persunal tat-tindif mhux se jkun meħtieġ jilbes ilbies protettiv biex inaddaf il-post. Iżda, il-ħaddiema għandhom jużaw tagħmir protettiv personali (PPE) li huwa meħtieġ għall-prodotti li qed jużaw. Ingwanti u fradal li jintremew wara l-użu huma r-rekwiżiti minimi. Għandhom jintużaw maskri mediċi, b'mod partikolari, jekk qed titnaddaf żona milquta minn każ suspettat jew ikkonfermat tal-COVID-19. Ħwejjeġ li wara jistgħu jinħaslu huma adattati.

## Protokolli biex jiġu iżolati każijiet suspettati

L-organizzaturi tal-avveniment għandu jkollhom protokolli fis-seħħ biex jittieħdu azzjonijiet f'każ li parteċipant, membru jew persunal jew volontier jiżviluppa sintomi tal-koronavirus waqt li jkun fil-post, inkluż tindif u diżinfettar xieraq.

### Standards applikabbli għall-avvenimenti kollha:

Il-persunal, il-volontiera u dawk li jattendu li jiżviluppaw jew ikunu nnotati li għandhom sintomi potenzjali tal-COVID-19 (eż., deni, sogħla, qtugħ ta' nifs) waqt l-avveniment għandhom jiġu iżolati minnufih. Individwi li jħossuhom ma jifilħux b'sintomi bħal dawn għandhom iċemplu n-numru 111. Jekk iċċempel għall-ambulanza (112) jew iġġib lil xi ħadd marid serjament fi sptar jew faċilità oħra tal-kura tas-saħħa, l-ewwel ċempel biex twissihom li l-persuna jista' jkollha l-COVID-19.

Individwi li kellhom kuntatt mill-qrib ma' persuna li għandha s-sintomi għandhom bl-istess mod jiġu iżolati, jintbagħtu d-dar, u avżati biex iċemplu fuq in-numru 111 u jsegwu l-istruzzjonijiet tas-saħħa pubblika dwar espożizzjoni relatata mal-komunità. Jekk is-sintomi jiżviluppaw, l-individwi għandhom isegwu l-istruzzjonijiet tas-saħħa pubblika f'dan ir-rigward.

L-organizzaturi għandhom jistabbilixxu proċeduri għat-trasport sikur ta' individwi morda lejn id-dar tagħhom jew għal faċilità tal-kura tas-saħħa. L-organizzaturi tal-avvenimenti għandhom jaħdmu mal-amministraturi tal-post, l-uffiċjali lokali, u l-fornituri tal-kura tas-saħħa biex jidentifikaw żona ta' iżolament għal kwalunkwe individwu li għandu sintomi simili għall-COVID jew li nstab pożittiv iżda m'għandux sintomi.

*Għal aktar informazzjoni u aġġornamenti żur* www.covid19health.gov.mt